MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Appell Civili Numru. 1113/2001/1

**Edwin Vella**

**vs**

**Joanna Briffa**

**Il-Qorti,**

Bis-sentenza taghha tas-7 ta’ Mejju 2004 din il-Qorti kienet hemm annullat is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar moghtija fil-5 ta’ Mejju 2003. In segwitu, bi qbil bejn il-kontendenti, din il-Qorti, permezz ta’ digriet tat-23 ta’ Gunju 2004, innominat lill-Arkitett Valerio Schembri biex jivverifika x-xoghlijiet ezegwiti mill-attur u jaghti l-opinjoni teknika dwarhom;

Mill-kumpless tal-verifiki u konstatazzjonijiet effettwati mill-imsemmi espert tekniku gew rikonoxxuti minn dan diversi vizzji fl-istess xoghlijiet u ghadda biex jirrakkomanda

riduzzjoni fis-somma bilancjali mitluba. Dawn id-difformalijiet u difetti fl-appalt jinsabu sew kompendjati fil-perizja a fol. 120 tal-process u, apparentement, jolqtu l-kwazi generalita` tax-xoghlijiet. L-attur appellat jikkontesta din il-konkluzjoni peritali u pproceda ghall-eskussjoni minuzjuza dwarhom b' sensiela ta' domandi posti minnu lill-perit tekniku (ara fol. 157 u fol. 170);

Maghmula din l-introduzzjoni, huwa pacifiku illi l-konkluzjonijiet peritali u x-xhieda ta' l-espert tekniku in eskussjoni jikkostitwixxu prova ghall-Qorti (Artikolu 644 tal-Kapitolu 12) u, allura bhal materjali istruttorji ohra huma kontrollabbli mill-gudikant. Ara "**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967. Hu minnu illi l-Qorti ma hix marbuta li taccetta l-konkluzjonijet tar-rapport tal-perit kontra l-konvinzjoni taghha nfisha (Artikolu 681 tal-Kapitolu 12), pero` daqstant iehor hu wkoll konkordament ricevut u accettat illi "dan ma jfisserx illi l-Qorti arbitrarjament u bla raguni tista' tiskarta konkluzjoni ta' perit minnha nominat" ("**Anthony Cauchi -vs- Carmel Mercieca**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999). Kif issokta jigi precizat "il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami". ("**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998);

Affermati dawn il-principji ta' dritt, fil-kaz prezenti, fuq ir-ri-ezami taghha tar-relazzjoni peritali u ta' l-eskussjoni, din il-Qorti ma ssib xejn li tista' ggeghla tallontana ruhha mill-konkluzjonijiet tal-perit tekniku mahtur minnha. L-ebda sottomissjoni ta' sustanza li tinduciha tiskarta dawk il-konkluzjonijiet jew li b' xi mod tinnewtralizza l-validita` taghhom. Taht dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ma tistax hlief tadotta u taghmel taghha r-rapport peritali. Fl-ahhar mill-ahhar, kif drabi ohra rimarkat, "dak li jghodd bhala gwida ghall-Qorti hija l-forza perswasiva u konvincenti tal-

motivazzjoni tar-rapport tal-periti" ("**Constantino Gauci -vs- Annunziata Xerri *et***", Appell Civili, 15 ta' Mejju 1967);

Minn dan tinzel il-konsegwenza illi certi xoghlijiet ezegwiti mill-attur kienu, fuq il-parir ta' l-espert tekniku, difformi, ivvizzjati u mhux skond l-arti u s-sengha. In linea ta' massima meta tali hu l-kaz, u, dippju, id-difetti denunzjati u accertati jkunu ta' certa gravita`, il-konvenuta-kommittenti jkollha, in linea generali, id-dritt li topponi l-*exceptio non rite adempleti contractus* ghad-domanda li ssirilha ghall-hlas. Ara fost ohrajn is-sentenza in re: "**Francis Spiteri *nomine* -vs- Emmanuele Cassar**", Appell Civili, 14 ta' Marzu 1975;

F' dan il-kaz il-konvenuta appellanti ippretendiet id-danni u mhux ukoll l-eliminazjzoni tad-difetti. Din it-tutela ghall-konsegwiment tad-danni, hekk rizervata lilha mil-ligi, tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali minhabba inadempiment. Isegwi ghalhekk illi f' kaz fejn il-prestatur ta' xoghlijiet ma jipprovdix ghall-eliminazzjoni tad-difetti, min ikun hekk inkarigah, anke jekk ma jitlobx b' azzjoni diretta l-affermazzjoni gudizzjali ta' l-inadempiment bir-relattiva kundanna ta' l-istess prestatur ghall-ezekuzzjoni specifika, ghandu dejjem dritt jirreklama r-rizarciment tad-danni. Dan fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza necessarja ghat-tnehhija tad-difett. Dan kif dezunt mid-disposizzjoni generali dwar l-effetti ta' l-obbligazzjonijet fl-Artikolu 1125 tal-Kodici Civili. Ara **Kollez. Vol. XXX P I p 62**;

Applikati l-kunsiderazzjonijiet suddetti ghall-kaz in ispecje, kompriz l-adoperu ta' dak id-dritt ekwitattiv li jsemmi l-Artikolu 7 (1) ta' l-Att V ta' l-1995, din il-Qorti tara li jkun xieraq illi ssir riduzzjoni fil-prezz ta' l-appalt kommizurata ghall-ammont stabbilit fil-perizja. Din il-fehma hi bazata fuq l-osservazzjoni illi fil-paragun mas-somma komplessiva ta' l-appalt (Lm4540.20 skond l-i*statement* a fol. 10), id-difetti riskontrati ma jistghux jitqiesu tant gravi u sostanzjali li jipprivaw ghal kollox l-utilita` tax-xoghlijiet

ezegwiti. Ara f' dan is-sens l-enuncjazzjonijiet professi fis-sentenzi "**Angelo Busuttil -vs- Pio Fedele**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' April 1968 u "**John Bonnici *proprio et nomine* -vs- Anthony Sammut**", Appell Kummercjali, 22 ta' Gunju 1994. Ferma din il-konsiderazzjoni huwa l-kaz li l-ammont bilancjali ta' tmien mija erbgha u erbghin lira (Lm844) domanat fl-avviz jigi mnaqqas bis-somma likwidata ta' hames mija u hamsa u sebghin lira (Lm575) stabbilita mill-espert tekniku. Spiza din konsiderata minn dan bhala necessarja biex taghmel tajjeb ghad-difetti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, prevja l-adozzjoni tar-relazzjoni peritali, tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur ghax-xoghlijiet ezegwiti l-ammont bilancjali ta' mitejn u disgha u sittin lira Maltija (Lm269), korrispondenti ghad-differenza bejn is-somma reklamata u dik likwidata in linea ta' danni mill-perit tekniku. Huwa l-kaz li l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-attur u kwart (1/4) mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------